

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-8 ta' Ottubru 2013 (Każ R 1653/2012-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Office Ernest T. Freylinger SA u Brammer GmbH.

Dispositif

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-8 ta' Ottubru 2013 (Każ R 1653/2012-1) hija parzjalment annullata, safejn din ikkonkludiet favur l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni fir-rigward tas-servizzi li jaqgħu taħt il-klassi 38 "provvista ta' aċċess għal servers ta' databases għar-riċerka tad-disponibbiltà u l-preskrizzjonijiet fil-qasam tat-trade marks u d-disinni Komunitarji" koperti mit-trade mark li saret applikazzjoni għaliha.*
- 2) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *Brammer GmbH u l-UASI għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

⁽¹⁾ ĠU C 61, 1.3.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-28 ta' Jannar 2016 – Bristol Global vs UASI – Bridgestone (AEROSTONE)

(Kawża T-194/14) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva AEROSTONE — Trade marks Komunitarji verbali preċedenti STONE u BRIDGESTONE — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti mhux irreġistrata BRIDGESTONE — Raġuni relattiva għal rifjut — Rifjut parzjali għal reġistrazzjoni”)

(2016/C 098/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Bristol Global Co. Ltd (Birmingham, ir-Renju Unit) (rappreżentant: F. Bozhinova, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Palmero Cabezas, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Bridgestone Corp. (Tokyo, il-Ġappun) (rappreżentanti: M. Blair, solicitor, sussegwentement S. Malynicz, barrister, C. Balme u K. Gilbert, solicitors)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-12 ta' Diċembru 2013 (Każ R 916/2013-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Bridgestone Corp. u Bristol Global Co. Ltd.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

- 2) Bristol Global Co. Ltd għandha tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk esposti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) u ta' Bridgestone Corp.

⁽¹⁾ ĠU C 151, 19.5.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Jannar 2016 – LR Health & Beauty Systems vs UASI – Robert McBride (LR nova pure.)

(Kawża T-202/14) ⁽¹⁾

[“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva LR nova pure. — Trade mark internazzjonali verbali preċedenti NOVA — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”]

(2016/C 098/44)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: LR Health & Beauty Systems GmbH (Ahlen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Weber u L. Thiel, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: I. Harrington, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Robert McBride Ltd (Manchester, ir-Renju Unit)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-22 ta' Jannar 2014 (Każ R 272/2013-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Robert McBride Ltd u LR Health & Beauty Systems GmbH.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) LR Health & Beauty Systems GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 235, 21.7.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Jannar 2016 – Azarov vs Il-Kunsill

(Kawża T-331/14) ⁽¹⁾

[“*Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi adottati fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina — Iffriżar ta' fondi — Lista ta' persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi — Inklużjoni tal-isem tar-rikorrent — Prova tal-fondatezza tal-iskrizzjoni fil-lista*”]

(2016/C 098/45)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Mykola Yanovych Azarov (Kiev, l-Ukraina) (rappreżentanti: G. Lansky u A. Egger)